



Brussell, 27 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9567/1/19
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2008/0140(CNS)

SOC 381
ANTIDISCRIM 13
JAI 564
MI 463
FREMP 73

RAPPORT

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) / Kunsill
Nru. dok. preċ.: 14253/18	
Nru dok. Cion:	11531/08 SOC 411 JAI 368 MI 246 - COM(2008) 426 final
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali - Rapport ta' Progress

I. INTRODUZZJONI

Fit-2 ta' Lulju 2008, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Kunsill bil-għan li testendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali għal oqsma lil hinn mill-impjieg. Waqt li tikkomplementa l-leġislazzjoni eżistenti tal-KE¹ f'dan il-qasam, id-Direttiva orizzontali proposta dwar it-trattament ugwali tipprojbixxi d-diskriminazzjoni għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq fl-oqsma li ġejjin: il-protezzjoni soċjali, inkluż is-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa; l-edukazzjoni; u l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, inkluż l-akkomodazzjoni.

¹ B'mod partikolari, id-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE, 2000/78/KE u 2004/113/KE.

Maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet laqgħet il-proposta fil-prinċipju, b'bosta minnhom japprovaw il-fatt li l-għan tagħha hu li tikkompleta l-qafas legali eżistenti billi tindirizza l-erba' raġunijiet ta' diskriminazzjoni kollha permezz ta' approċċ orizzontali.

Il-bieċa l-kbira tad-delegazzjonijiet affermat l-importanza tal-promozzjoni tat-trattament ugwali bħala valur soċjali kondiviż fl-UE. B'mod partikolari, diversi delegazzjonijiet issottolinjaw is-sinifikat tal-proposta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità(UNCRPD). Madankollu, xi delegazzjonijiet kienu jippreferu dispożizzjonijiet aktar ambizzjużi fir-rigward tad-diżabilità.

Wagt li enfasizzaw l-importanza tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, fl-imġhoddi, xi delegazzjonijiet kellhom dubji dwar il-ħtieġa għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma qisuha bħala vjolazzjoni tal-kompetenza nazzjonali għal ċerti kwistjonijiet u konfliġġenti mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Barra minn hekk, komplew jesprimu d-dubji tagħhom dwar jekk fil-kamp ta' applikazzjoni għandhomx jiġu inklużi l-protezzjoni soċjali u l-edukazzjoni.

Xi delegazzjonijiet talbu wkoll kjarifiki u esprimew tħassib relatat, b'mod partikolari, man-nuqqas ta' ċertezza legali, it-tqassim tal-kompetenzi, u l-impatt prattiku, finanzjarju u legali tal-proposta.

Żewġ delegazzjonijiet żammew riżerva ġenerali dwar il-proposta kif inhi.

Għalissa, id-delegazzjonijiet kollha żammew riżervi ta' skrutinju dwar it-test.

CZ, DK u UK żammew riżervi ta' skrutinju parlamentari. Il-Kummissjoni affermat il-proposta oriġinali tagħha f'dan l-istadju u żammet riżerva ta' skrutinju dwar kwalunkwe bidla fiha.

Il-Parlament Ewropew adotta l-Opinjoni tiegħu fit-2 ta' April 2009² skont il-Proċedura ta' Konsultazzjoni. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, il-proposta issa taqa' taħt l-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant tinħtieġ l-unanimità fil-Kunsill, wara l-*approvazzjoni* tal-Parlament Ewropew.

² Ara d-dok. A6-0149/2009.

II. IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL TAĦT IL-PRESIDENZA RUMENA

Il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali kompli jeżamina l-proposta,³ abbażi ta' suġġerimenti ta' abbozzar tal-Presidenza⁴ b'fokus fuq diversi kwistjonijiet inkluż id-diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli, id-diskriminazzjoni b'suppożizzjoni, l-istruzzjoni għal diskriminazzjoni, differenzi proporzjonati fit-trattament, l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, u l-aċċessibbiltà. Il-Presidenza ssimplifikat ukoll it-test skont il-prinċipji ta' abbozzar leġiżlattiv attwali.

a) Kjarifiki ulterjuri tal-kunċetti ewlenin

i. Diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli (l-Artikolu 2(3-a) u l-Premessa 12ab)

Wara kontribut mid-delegazzjonijiet, il-Presidenza ssuġġeriet li dan il-kunċett jitqiegħed f'paragrafu separat u introduċiet armonizzazzjoni terminoloġika, billi ssostitwixxiet it-terminu "diskriminazzjoni multipla" b'"diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli". Ċerti delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-limitazzjoni tal-kunċett ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet multipli għall-erba' raġunijiet fil-proposta. Madankollu, fil-Grupp ta' Ħidma tas-16 ta' Mejju, maġġoranza kbira tad-delegazzjonijiet qablu mal-bidliet li saru fir-rigward tal-kunċett ta' hawn fuq.

ii. Diskriminazzjoni b'suppożizzjoni (l-Artikolu 2(2)(d-a) u l-Premessa 12a)

Il-Presidenza introduċiet subparagrafu ġdid fl-Artikolu 2(2) rigward il-kunċett ta' "diskriminazzjoni b'suppożizzjoni", li kien ġie introdott fil-premessi matul il-fażijiet preċedenti tad-diskussjoni. Is-suġġeriment tal-Presidenza rċieva appoġġ ġenerali. Madankollu, delegazzjoni esprimiet it-tħassib tagħha dwar it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-definizzjoni ta' "diskriminazzjoni b'suppożizzjoni", meta wieħed iqis li jintużaw iż-żewġ verbi "preżunt" u "perċepit".

³ Il-laqgħat saru fit-2 ta' April u s-16 ta' Mejju.

⁴ Id-dokumenti 7852/19 u 8812/19.

iii. Struzzjoni għal diskriminazzjoni (l-Artikolu 2(2)(d-b))

Il-kunċett ta' "struzzjoni għal diskriminazzjoni" ġie introdott f'subparagrafu ġdid tal-Artikolu 2(2). Il-Presidenza pprovdiet spjegazzjonijiet lid-delegazzjonijiet li ddikjaraw li l-kunċett ma għandu l-ebda definizzjoni uffiċjali, iżda xorta jinsab f'Direttivi eżistenti oħra dwar it-trattament indaqs biex il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ssir aktar komprensiva. Ġie stabbilit ukoll li dan huwa qasam li jista' jevolvi permezz tal-ġurisprudenza.

b) **Differenzi proporzjonati fit-trattament (l-Artikolu 2(7) u l-Premessi 15 u 15a)**

Bosta delegazzjonijiet esprimew rieda qawwija li jiżguraw il-konsistenza tal-proposta mar-rekwiżiti tal-UNCPRD u li jissimplifikaw it-test. Filwaqt li involviet ruħha f'dan l-isforz, il-Presidenza ssuġġeriet ukoll li jitħassar il-paragrafu li jittratta differenzi proporzjonati fit-trattament għal raġunijiet ta' età u diżabbiltà fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi finanzjarji. Dan kien ir-riżultat ta' diskussjonijiet estensivi dwar il-possibbiltà li jitħallew differenzi proporzjonati fit-trattament abbażi ta' prinċipji attwarji u data statistika, filwaqt li mhux neċessarjament issir rabta mal-kundizzjoni tas-saħħa ta' persuna mad-diżabbiltà tagħha. Madankollu, diversi delegazzjonijiet esprimew id-dubji tagħhom dwar it-tħassir, fejn stqarrew li l-kwistjoni kienet diġà ġiet indirizzata fil-fażijiet preċedenti tad-diskussjoni dwar il-proposta u li kien importanti li jinżammu dawn id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-assigurazzjoni, is-servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra. Il-Presidenza kkonkludiet li jkunu meħtieġa aktar diskussjonijiet u rfinar.

c) **Aċċess għal oġġetti u servizzi (l-Artikolu 3(1)(d))**

Fid-dispożizzjoni dwar l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, il-Presidenza ssuġġeriet li jitħassar it-test "li jiġu offruti barra mill-kuntest tal-ħajja privata u dik familjari" u tinżamm biss il-parti li tinqara "li huma disponibbli għall-pubbliku". Is-suġġeriment kien riżultat ta' diskussjonijiet dwar il-possibbiltajiet li jiġu offruti oġġetti u servizzi fi ħdan l-isfera tal-ħajja privata, iżda li xorta jsiru disponibbli għall-pubbliku (eż. fuq il-media u l-pjattaformi soċjali), u jekk tali sitwazzjonijiet jikkostitwixxux diskriminazzjoni. Għadd żgħir ta' delegazzjonijiet ma setgħux jappoġġjaw it-tħassir suġġerit u appellaw li jmorru lura għall-formulazzjoni preċedenti. Aktar diskussjonijiet ikunu meħtieġa fir-rigward tad-dispożizzjoni.

d) **Dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità**

Fil-proposti ta' abbozzar tal-Presidenza, id-dispożizzjonijiet dwar id-diżabilità ġew iċċarati aktar u r-referenzi għall-UNCPRD ġew armonizzati fit-test kollu. B'mod partikolari, fil-Premessa 20ab l-importanza li tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' oħrajn ġiet enfasizzata aktar.

III. KONKLUŻJONI

Matul il-Presidenza Rumena sar progress tanġibbli fuq għadd ta' kwistjonijiet. Minkejja l-appoġġ wiesa' għall-oġġettivi tad-Direttiva proposta, hemm bżonn ta' ħidma teknika u ta' diskussjoni politika ulterjuri qabel ma tintlaħaq l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill.